SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

17 ta' Lulju 2014*

"Leġiżlazzjoni fiskali — Libertà ta' stabbiliment — Taxxa nazzjonali fuq il-profitti — Tassazzjoni ta' gruppi — Tassazzjoni tal-attività ta' stabbilimenti permanenti barranin ta' kumpanniji residenti — Prevenzjoni ta' taxxa doppja permezz tal-imputazzjoni tat-taxxa (metodu ta' imputazzjoni) — Integrazzjoni mill-ġdid ta' telf imnaqqas preċedentement fil-każ ta' trasferiment tal-istabbiliment permanenti lil kumpannija tal-istess grupp li fir-rigward tagħha l-Istat Membru inkwistjoni ma jeżerċitax il-poter ta' tassazzjoni tiegħu"

Fil-Kawża C-48/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Østre Landsret (qorti tal-appell tar-reġjun tal-Lvant, id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Jannar 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Jannar 2013, fil-proċedura

**Nordea Bank Danmark A/S**

vs

**Skatteministeriet,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, K. Lenaerts, Viċi President, A. Tizzano, R. Silva de Lapuerta, M. Ilešič, E. Juhász u A. Borg Barthet, Presidenti ta' Awla, A. Rosas, J. Malenovský, J.-C. Bonichot (Relatur), C. Vajda, S. Rodin u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Nordea Bank Danmark A/S, minn H. Hansen, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn V. Pasternak Jørgensen, bħala aġent, assistita minn K. Lundgaard Hansen, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u K. Petersen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn M. Bulterman u J. Langer, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

— għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels u C. Barslev, bħala aġenti,

— għall-Autorité de surveillance AELE, minn X. Lewis, G. Mathisen u A. Steinarsdóttir, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2014,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE, kif ukoll tal-Artikoli 31 u 34 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE"), li jikkonċernaw il-libertà ta' stabbiliment.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċeduri mressqa minn Nordea Bank Danmark A/S (iktar 'il quddiem "Nordea Bank"), kumpannija rregolata mid-dritt Daniż, kontra deċiżjonijiet tal-iSkatteministeriet li jintegraw mill-ġdid fil-valur taxxabbli tagħha t-telf li kien preċedentement tnaqqas fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti permanenti barra mill-pajjiż.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt internazzjonali*

3 L-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni tal-pajjiżi Nordiċi dwar il-prevenzjoni tat-taxxa doppja fil-qasam tat-tassazzjoni tad-dħul u tal-kapital, konkluża f'Helsinki fit-23 ta' Settembru 1996 (SopS 26/1997, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni Nordika") jipprovdi:

"Il-profitti ta' impriża fi Stat kontraenti jistgħu jiġu ntaxxati biss f'dak l-Istat, sakemm l-impriża ma teżerċitax l-attività tagħha fl-Istat kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Fil-każ li l-impriża teżerċita l-attività tagħha b'dan il-mod, il-profitti tal-impriża għandhom jiġu ntaxxati fl-Istat l-ieħor iżda biss sa fejn huma jkunu imputabbli lil dan l-istabbiliment permanenti."

4 Skont l-Artikolu 25 ta' din il-konvenzjoni, l-Istati kontraenti għażlu li jinnewtralizzaw it-taxxa doppja tal-istabbilimenti permanenti skont il-metodu "tal-imputazzjoni". Għal dan il-għan, l-Istat ta' residenza tal-impriża jawtorizza tnaqqis f'ammont ekwivalenti għat-taxxa fuq id-dħul imħallsa fl-Istat sors.

#### *Id-dritt Daniż*

5 Skont il-leġiżlazzjoni Daniża applikabbli għall-kawża prinċipali, għad-determinazzjoni tad-dħul taxxabbli tagħha, kull kumpannija residenti ħadet regolarment inkunsiderazzjoni l-profitti u t-telf tal-istabbilimenti permanenti tagħha li jinsabu barra mill-pajjiż.

6 Fil-każ ta' trasferiment totali jew parzjali tal-attività ta' stabbiliment permanenti lil terz jew lil kumpannija oħra tal-istess grupp, kumpannija Daniża kienet intaxxata fuq il-profitti jew it-telf fir-rigward tal-attiv relatat mal-attività ttrasferita, inkluż attiv immaterjali mhux imniżżel fil-kontabbiltà.

7 Għal dan il-għan, l-attiv ittrasferit kellu jiġi evalwat skont il-valur tas-suq tiegħu, b'applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Liġi dwar l-evalwazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul tal-Istat (lov om påligningen af indkomstskat til staten "ligningsloven", iktar 'il quddiem il-"ligningslov"), li, fil-verżjoni applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jipprovdi:

"Il-persuni taxxabbli li:

1) huma kkontrollati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi,

2) jikkontrollaw persuni ġuridiċi,

3) huma affiljati ma' persuna ġuridika,

4) għandhom stabbiliment permanenti stabbilit barra mill-pajjiż, jew

5) huma persuni fiżiċi jew ġuridiċi barranin bi stabbiliment permanenti fid-Danimarka

għandhom, meta jikkalkolaw id-dħul taxxabbli tagħhom, japplikaw prezzijiet u kundizzjonijiet għat-tranżazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji mal-persuni fiżiċi u ġuridiċi u stabbilimenti permanenti msemmija iktar 'il fuq (tranżazzjonijiet ikkontrollati) skont dak li kien jinkiseb kieku t-tranżazzjonijiet ġew konklużi ma' partijiet li ma humiex relatati magħhom."

8 L-Artikolu 33 D(5) tal-ligningslov, applikabbli għall-kawża prinċipali, kien jipprovdi kif ġej:

"Fil-każ ta' trasferiment totali jew parzjali ta' stabbiliment permanenti li jinsab f'pajjiż barrani, fil-Gżejjer Faeroe jew fil-Groenlandja, lil kumpannija li tifforma parti mill-istess grupp [...], it-telf imnaqqas li ma kienx ikkumpensat minn qligħ sussegwenti, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll fid-dikjarazzjoni tad-dħul taxxabbli indipendentement mill-metodi użati għall-irkupru ta' taxxi. [...]"

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 Nordea Bank għandha s-sede tagħha fid-Danimarka.

10 Bejn l-1996 u l-2000, hija eżerċitat attivitajiet bankarji bl-imnut fil-Finlandja, fl-Isvezja u fin-Norveġja permezz ta' stabbilimenti permanenti defiċitarji u għaldaqstant naqqset legalment it-telf mid-dħul taxxabbli tagħha fid-Danimarka.

11 Fl-2000, l-attivitajiet ta' dawn l-istabbilimenti permanenti ġew irristrutturati: l-uffiċċji tagħhom ingħalqu, il-klijenti tagħhom ingħataw il-possibbiltà jżommu l-kontijiet tagħhom b'kundizzjonijiet identiċi għal dawk tas-sussidjarji ta' Nordea Bank fl-istess Stati u nofs il-persunal ġie impjegat minn dawn is-sussidjarji jew minn kumpanniji oħra lokali tal-istess grupp.

12 Skont id-dikjarazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, li ma ġewx ikkontestati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, din it-tranżazzjoni tixbah trasferiment parzjali tal-attivitajiet li fir-rigward tagħhom ir-Renju tad-Danimarka eżerċita l-poteri ta' tassazzjoni tiegħu, lil kumpanniji fl-istess grupp li fir-rigward tagħhom huwa ma kienx jeżerċita tali poteri.

13 Billi applika l-Artikolu 33 D(5) tal-ligningslov, is-Skatteministeriet integra mill-ġdid fil-profitti taxxabbli ta' Nordea Bank, it-telf li kien tnaqqas preċedentement fir-rigward ta' attivitajiet ittrasferiti, li ma kinux ġew ikkumpensati bi profitti sussegwenti.

14 Peress li Nordea Bank ikkunsidrat li din l-integrazzjoni mill-ġdid kienet tmur kontra l-libertà ta' stabbiliment, Nordea Bank ippreżentat ilment quddiem il-Landsskatteretten (Kummissjoni Nazzjonali Fiskali), u sussegwentement ikkontestat iċ-ċaħda ta' din tal-aħħar quddiem l-Østre Landsret.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Østre Landsret iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 49 TFUE flimkien mal-Artikolu 54 TFUE (li qabel kienu l-Artikolu 43 u l-Artikolu 48 KE), kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Ftehim ŻEE flimkien mal-Artikolu 34 tiegħu jipprekludu lil Stat Membru, li ppermetta li kumpannija residenti tnaqqas b'mod regolari t-telf sostnut minn stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor, milli jinkorpora mill-ġdid mad-dħul taxxabbli tal-imsemmija kumpannija t-telf kollu tal-istabbiliment permanenti (sa fejn dan ma ġiex paċut bi profitti fis-snin sussegwenti) meta l-istabbiliment permanenti ma jibqax jeżisti minħabba l-fatt li parti mill-attivitajiet tiegħu kienet ġiet ittrasferita lil kumpannija li tifforma parti mill-istess grupp u li hija stabbilita fl-istess Stat Membru tal-istabbiliment permanenti, u meta l-possibilitajiet kollha tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmi telf għandhom jiġu meqjusa bħala eżawriti?"

## Fuq id-domanda preliminari

16 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE kif ukoll l-Artikoli 31 u 34 tal-Ftehim ŻEE jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li, fil-każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat kontraenti ieħor taż-ŻEE, lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp, it-telf li kien tnaqqas preċedentement fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit jiġi integrat mill-ġdid fil-profitt taxxabbli tal-kumpannija ċedenti.

17 Il-libertà ta' stabbiliment, li l-Artikolu 49 TFUE jirrikonoxxi liċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, tinkludi d-dritt li dawn ikollhom aċċess u jeżerċitaw attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha kif ukoll li jwaqqfu u li jmexxu impriżi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti fid-dritt tal-Istat Membru fejn iseħħ tali stabbiliment. Din timplika, skont l-Artikolu 54 TFUE, fir-rigward tal-kumpanniji stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat jew it-tmexxija ċentrali jew is-sede prinċipali tagħhom ġewwa l-Unjoni, id-dritt li jeżerċitaw l-attività tagħhom fl-Istat Membru kkonċernat permezz ta' sussidjarja, ta' fergħa jew ta' aġenzija (ara, f'dan is-sens, sentenzi Saint-Gobain ZN, C-307/97, EU:C:1999:438, punt 35, u Marks & Spencer, C-446/03, EU:C:2005:763, punt 30).

18 Filwaqt li d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment huma intiżi li jiżguraw l-istess trattament nazzjonali fl-Istat Membru ospitanti, dawn jipprekludu wkoll li l-Istat Membru ta' oriġini jostakola l-istabbiliment fi Stat Membru ieħor ta' kumpannija li tkun ġiet ikkostitwita skont il-leġiżlazzjoni tagħha, b'mod partikolari permezz ta' stabbiliment permanenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lidl Belgium, C-414/06, EU:C:2008:278, punti 19 u 20).

19 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-libertà ta' stabbiliment hija ostakolata jekk, bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor, kumpannija residenti li għandha sussidjarja jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE ġġarrab differenza żvantaġġjuża fit-trattament fiskali meta mqabbla ma' kumpannija residenti li għandha stabbiliment permanenti fl-ewwel Stat Membru (ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi Papillon, C-418/07, EU:C:2008:659, punti 16 sa 22, u Argenta Spaarbank, C-350/11, EU:C:2013:447, punti 20 sa 34).

20 Għandu jiġi osservat li dispożizzjoni li tippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni ta' telf ta' stabbiliment permanenti stabbilit fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE għall-finijiet tad-determinazzjoni tar-riżultati u tal-kalkolu tad-dħul taxxabbli tal-kumpannija prinċipali jikkostitwixxi vantaġġ fiskali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Lidl Belgium, EU:C:2008:278, punt 23).

21 Għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 D(5) tal-ligningslov inkwistjoni fil-kawża prinċipali jwasslu sabiex iċaħdu tali vantaġġ lil kumpanniji Daniżi li għandhom stabbilimenti permanenti barra mill-pajjiż meta mqabbla ma' dawk li għandhom stabbilimenti permanenti fid-Danimarka. Fil-fatt, huma jistabbilixxu regola ta' integrazzjoni mill-ġdid ta' telf legalment imnaqqas fir-rigward ta' stabbilimenti barranin ittrasferiti li ma tapplikax fil-każ ta' trasferiment, f'kundizzjonijiet identiċi, ta' stabbilimenti residenti fid-Danimarka.

22 Trattament żvantaġġuż bħal dan jista' jiskoraġġixxi kumpannija Daniża milli teżerċita l-attivitajiet tagħha permezz ta' stabbiliment permanenti fi Stat Membru jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE għajr ir-Renju tad-Danimarka, u konsegwentement, jikkostitwixxi restrizzjoni li, fil-prinċipju, hija prekluża mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat u tal-Ftehim ŻEE li jikkonċernaw il-libertà ta' stabbiliment.

23 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li tali restrizzjoni tista' biss tiġi ammessa jekk tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew jekk hija ġġustifikata minn raġuni prevalenti ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Philips Electronics UK, C-18/11, EU:C:2012:532, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Fir-rigward tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li, fil-prinċipju, stabbilimenti permanenti li jinsabu fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ta' stabbilimenti permanenti residenti fir-rigward ta' miżuri previsti minn Stat Membru sabiex tiġi prekluża jew attenwata t-taxxa doppja tal-profitti ta' kumpannija residenti. Madankollu, billi ssuġġetta l-profitti ta' stabbilimenti permanenti li jinsabu fil-Finlandja, fl-Isvezja u fin-Norveġja għat-taxxa Daniża, ir-Renju tad-Danimarka ekwipara dawn tal-aħħar ma' stabbilimenti permanenti residenti fir-rigward tat-tnaqqis tat-telf (ara, b'analoġija, is-sentenza Denkavit Internationaal u Denkavit France, C-170/05, EU:C:2006:783, punti 34 u 35).

25 Għaldaqstant, ir-restrizzjoni tista' biss tiġi ġġustifikata għal raġunijiet prevalenti ta' interess ġenerali. Barra minn hekk, huwa neċessarju, f'dan il-każ, li r-restrizzjoni tkun adatta sabiex tiżgura t-twettiq tal-għan li hija għandha u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tali għan jintlaħaq (ara s-sentenza Lidl Belgium, EU:C:2008:278, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 F'dan ir-rigward, il-Gvern Daniż jinvoka n-neċessità li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tal-poteri ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri flimkien mal-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxa.

27 Għandu jitfakkar li, fl-assenza ta' miżuri ta' unifikazzjoni jew ta' armonizzazzjoni adottati mill-Unjoni, l-Istati Membri jibqgħu kompetenti li jiddefinixxu, bilateralment jew unilateralment, il-kriterji ta' tqassim tal-poteri tagħhom ta' tassazzjoni bil-għan, b'mod partikolari, li jeliminaw it-taxxa doppja, u li l-preżervazzjoni ta' dan it-tqassim hija għan leġittimu rikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Argenta Spaarbank, EU:C:2013:447, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fl-espożizzjoni tal-motivi tal-ligningslov, ir-regola ta' integrazzjoni mill-ġdid ta' telf imnaqqas fir-rigward ta' stabbilimenti permanenti barranin "hija intiża li tipprekludi, pereżempju, li kumpannija Daniża tnaqqas telf li joriġina minn fergħa barranija u, sussegwentement, tbigħ l-imsemmija fergħa lil kumpannija barranija tal-istess grupp meta hija tibda tiġġenera profitti, b'mod li l-integrazzjoni mill-ġdid effettiva tat-telf imnaqqas mid-dħul taxxabbli ma tkunx possibbli fid-Danimarka".

29 Għaldaqstant, l-għan tal-leġiżlazzjoni Daniża huwa li jiġi prekluż ir-riskju ta' evażjoni tat-taxxa li jikkonsisti, b'mod partikolari, fl-organizzazzjoni minn grupp tal-attivitajiet tiegħu b'mod li huwa jnaqqas mid-dħul taxxabbli tiegħu fid-Danimarka t-telf ta' stabbiliment permanenti defiċitarju li jinsab

fil-Finlandja, fl-Isvezja jew fin-Norveġja sabiex sussegwentement, ladarba tali stabbiliment ikun sar profitabbli, jittrasferixxi l-attivitajiet ta' dan l-istabbiliment f'kumpannija li huwa jikkontrolla iżda li hija suġġetta għat-taxxa fil-Finlandja, fl-Isvezja jew fin-Norveġja, iżda mhux fid-Danimarka.

30 Kieku r-Renju tad-Danimarka jiċċaħħad mill-poter li jintegra mill-ġdid it-telf imnaqqas fil-profitt taxxabbli tal-kumpannija ċedenti Daniża, filwaqt li jkun tilef il-poter li jintaxxa kwalunkwe profitti futuri, tali arranġament idgħajjef artifiċjalment il-valur taxxabbli tiegħu u, għaldaqstant, jaffettwa t-tqassim tal-poter ta' tassazzjoni li jirriżulta mill-Konvenzjoni Nordika.

31 Madankollu, din il-leġiżlazzjoni tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan.

32 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-għan tat-tqassim ibbilanċjat tal-poter ta' tassazzjoni huwa intiż li jiggarantixxi s-simetrija bejn id-dritt ta' tassazzjoni tal-profitti u d-dritt ta' tnaqqis tat-telf (ara s-sentenza K, C-322/11, EU:C:2013:716, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 In-neċessità li tiġi ggarantita din is-simetrja timplika li t-telf imnaqqas fir-rigward ta' stabbiliment permanenti jista' jiġi paċut mat-tassazzjoni ta' profitti ta' dan l-istabbiliment permanenti li jkunu saru fi ħdan il-ġurisdizzjoni fiskali tal-Istat Membru inkwistjoni, jiġifieri kemm dawk imwettqa fil-perijodu kollu li matul tiegħu l-imsemmi stabbiliment kien jiddependi mill-kumpannija residenti kif ukoll dawk imwettqa fil-mument tat-trasferiment tal-istess stabbiliment.

34 Ma huwiex ikkontestat li l-profitti ta' stabbiliment permanenti, li jappartjeni ma' kumpannija residenti, li jsiru qabel it-trasferiment tal-imsemmi stabbiliment lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp, huma taxxabbli fid-Danimarka, minkejja li l-Artikolu 25 tal-Konvenzjoni Nordika jipprovdi l-għoti ta' kreditu ta' taxxa lill-kumpannija residenti sabiex jiġi nnewtralizzat ir-riskju ta' kwalunkwe taxxa doppja.

35 Barra minn hekk, l-Artikolu 2 tal-ligningslov jipprevedi, b'mod partikolari, regola li tipprovdi li l-attiv ittrasferit fi ħdan grupp huwa valutat skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Kull qligħ li jsir mat-trasferiment sussegwentement jiżdied mad-dħul taxxabbli tal-kumpannija Daniża ċedanti.

36 Għaldaqstant, dispożizzjoni ta' Stat Membru, bħall-Artikolu 33(5) tal-ligningslov, li jipprovdi, fil-każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE, lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp, l-integrazzjoni mill-ġdid ta' telf li tnaqqas preċedentement fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit, tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tan-neċessità li jiġi ggarantit it-tqassim ibbilanċjat tal-poter ta' tassazzjoni jekk l-ewwel Stat Membru jintaxxa l-profitti mwettqa fir-rigward tal-imsemmi stabbiliment qabel it-trasferiment tiegħu, inklużi dawk li jirriżultaw mill-qligħ li jsir mit-trasferiment.

37 Din il-konklużjoni ma tinbidilx bil-fatt, invokat mill-Gvern Daniż, li jipprovdi li huwa diffiċli, fil-każ ta' trasferiment fi ħdan grupp, li jiġi vverifikat il-valur tas-suq tan-negozju ttrasferit fi Stat Membru ieħor.

38 Fil-fatt, tali diffikultajiet ma humiex relatati biss ma' sitwazzjonijiet transkonfinali, peress li l-amministrazzjoni Daniża neċessarjament diġà twettaq verifiki simili fil-każ ta' bejgħ ta' negozju fil-kuntest ta' trasferiment fi ħdan grupp ta' stabbiliment residenti.

39 Barra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, l-awtoritajiet fiskali Daniżi għandhom dejjem il-poter jeżiġu mingħand il-kumpannija ċedenti, id-dokumenti li jidhrilhom huma neċessarji sabiex jiġi vverifikat jekk il-valur tan-negozju li jkun ġie stabbilit għall-finijiet tal-kalkolu tal-qligħ mit-trasferiment ta' stabbiliment barrani, jikkoinċidix ma' dak tas-suq skont ir-regola stabbilita fl-Artikolu 2 tal-ligningslov.

40 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li l-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE kif ukoll l-Artikoli 31 u 34 tal-Ftehim ŻEE jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li, fil-każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim ŻEE, lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp, it-telf li jkun tnaqqas preċedentement fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit jiġi integrat mill-ġdid fil-profitt taxxabbli tal-kumpannija ċedenti, sa fejn l-ewwel Stat Membru jintaxxa kemm il-profitt li jirriżulta mill-imsemmi stabbiliment qabel it-trasferiment tiegħu kif ukoll il-profitt li jirriżulta mill-qligħ tal-imsemmi trasferiment.

## Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE kif ukoll l-Artikoli 31 u 34 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992, jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li, fil-każ ta' trasferiment minn kumpannija residenti ta' stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor jew fi Stat ieħor kontraenti tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, lil kumpannija mhux residenti tal-istess grupp, it-telf li jkun tnaqqas preċedentement fir-rigward tal-istabbiliment ittrasferit jiġi integrat mill-ġdid fil-profitt taxxabbli tal-kumpannija ċedenti, sa fejn l-ewwel Stat Membru jintaxxa kemm il-profitt li jirriżulta mill-imsemmi stabbiliment qabel it-trasferiment tiegħu kif ukoll il-profitt li jirriżulta mill-qligħ tal-imsemmi trasferiment.**

Firem